# 500 SENA MIT-TWELID TAL-PAPA PIJU V...

## il-'ħabib' tal-belt Valletta

minn JC CAMILLERI

Il-Papa Piju V għandu rabta mill-qrib ma' l-istorja ta' Malta. Kien hu li għen bil-kbir għall-bini tal-belt Valletta. Jekk hu għandu rabta ma' Malta tant iehor għandu rabta mal-poplu ta' Ruma. Hu kien Papa li għamel tant ġid għall-knisja. Ried li l-qawwa Torka tinżamm kemm jista' jkun 'il bogħod u għalhekk għamel minn kollox biex jiġġieled lit-Tork. Għalhekk saret il-battalja ta' Lepanto.

■ Il-Papa kellu interess fl-artijiet insara u għalhekk interess f'Malta wkoll.

■ Bagħat lil Francesco Laparelli biex iħejji l-pjan ġenerali tal-belt.

■ Il-bust tiegħu għadu nieqes minn Bieb il-Belt.



Il-bust tal-Papa San Piju V.

Il-Papa Piju V, jew aħjar Anton Ghislieri, twieled fis-17 ta' Jannar, 1504. Missieru kien Paolo Ghislieri waqt li ommu kienet Domenica (xebba Augeri). Twieled f'Bosco Marengo fid-distrett ta' Alessandria fl-Italja.

Twieled f'familja fqira u ma setax ikompli l-istudju tiegħu kif xtaq. Għalhekk kien jgħaddi ż-żmien jirgħa n-nagħaġ. Ta' 14-il sena daħal mal-patrijiet Dumnikani fejn ingħata l-isem ta' Mikiel. Kien ordnat saċerdot fil-belt ta' Ġenova fl-1528. Hu kien jgħallem it-teoloġija f'ħafna kunventi fl-Italja. Kien ukoll pirjol ta' tliet kunventi — Vigevano, Soncino u Alba.

Il-Papa Pawlu III waqqaf l-Inkwiżizzjoni Rumana u Patri Mikiel sab ruħu vigarju ta' l-Inkwiżitur ta' Pavia u wara ta' Como. Wara mar Ruma biex jaħdem bħala Kummissarju Ġenerali tas-Sant Uffizzju u l-Inkwiżizzjoni.

Il-Papa Pawlu IV ikkonferma l-uffiċċju li kellu Patri Mikiel u żiedlu l-awtorità riservata biss għal xi Kardinal. Wara sar isqof ta' Nepi u Sutri u fl-aħħar kardinal bit-titlu ta' Santa Marija Sopra Minerva. Sena wara sar Inkwiżitur Ewlieni.

### Il-Papa Piju IV u Patri Mikiel

Sar isqof ta' Mondovi fil-Piemonte. Billi kien hemm relazzjoni ħażina bejnu u bejn il-Papa sab li l-appartament li kellu f'Ruma ttieħed u l-awtorità li kellu tnaqqsitlu kważi għal kollox. Fl-aħħar Patri Mikiel beda jaħseb biex jirtira f'kunvent.

Hu xtaq li jmur lura fil-kunvent ta' Mondovi iżda meta l-Papa Piju IV miet, għall-aħħar tas-sena 1565, saru l-Konklavi u wara ħafna jiem ta' votazzjonijiet u permezz ta' ħidma tal-Kardinal ta' Milan San Karlu Borromeo u tal-Kardinal Altemps (in-neputi tal-Papa Piju IV) kien elett Patri Mikiel. Hu aċċetta wara l-insistenza li għamlu miegħu l-kardinali eletturi.

Ħa l-isem ta' Piju V u kien inkurunat Papa f'jum għeluq sninu — fis-17 ta' Jannar 1566 meta kellu 62 sena.

### Riformi

Il-Papa Piju V wettaq ħafna riformi. Mill-ewwel ġranet beda jwettaq ir-riformi mitluba mill-Konċilju ta' Trentu. Irriforma l-Kurja Rumana u nsista fuq il-faqar li kellhom ikollhom il-membri ta' din l-istituzzjoni. Għamel riformi fl-istituzzjonijiet kollha li kienu magħquda mal-Vatikan. Għamel żjara pastorali fid-djoċesi tiegħu, dik ta' Ruma. Ħeġġeġ lill-isqfijiet biex jagħmlu żjara pastorali fid-djoċesi tagħhom.

Ħeġġiġhom ukoll biex jagħtu kas tal-formazzjoni tal-kleru, iwaqqfu seminarji, jiċċelebraw sinodi u josservaw dak li talab il-Konċilju ta' Trentu. Fl-1569 ta forma definittiva lir-Rużarju u ppubblika l-katekiżmu Ruman. Ta wkoll uniformità lil-liturġija billi xandar il-Brevjar u l-Missal Ruman.

### Poter temporanju

Barra li kien kap tal-knisja u isqof ta' Ruma kien ukoll 're' ta' l-Istati Pontifiċji. Bil-karattru tiegħu ġibed is-simpatija tas-sudditi tiegħu. Beda jippreferi l-fqar u għalhekk naqqas it-taxxi. Iġġieled l-użura u kien iebes fejn jidħol is-serq u atti kriminali oħrajn.

Fuq skala internazzjonali hu kellu relazzjonijiet diplomatiċi tajbin ħafna. Kien iebes ukoll mal-kbarat ta' l-Ewropa tant li skomunika lir-Reġina Eliżabetta II ta' l-Ingilterra.

Kien jinteressa ruħu fil-pajjiżi nsara. Għall-ġid ta' l-artijiet li kellu, daħal f'alleanza ma' Spanja u Venezja. Bagħat flotta nisranija biex twaqqaf it-tixrid ta' l-Imperu Tork. Din il-flotta kienet taħt Ġwann ta' l-Awstrija u kellha tiġġieled il-Battalja ta' Lepanto. Din spiċċat b'rebħa għall-insara. Il-Papa Piju V kien tal-fehma li din ir-rebħa seħħet bl-intervent tal-Madonna.

### Malta

Il-Papa kellu interess fl-artijiet insara u għalhekk kellu interess f'Malta wkoll. Hu kien jirċievi l-aħbarijiet waqt l-Assedju l-Kbir u għalhekk offra kull appoġġ għall-bini tal-belt Valletta. Minn butu ħareġ il-paga għal tlett elef suldat Taljan li kienu f'Malta. Bagħat lil Ġlormu Guidacci bħala Kummissarju Pontifiċju biex jispezzjona x-xogħol tal-bini tal-belt Valletta. Dan il-bniedem ħallas 35 elf skud għall-proġett tal-kavallieri.

Ordna wkoll il-Bank Olgiati biex jagħti s-somma ta' 5,000 skud tad-deheb għall-bini tal-Belt. Bagħat lil Francesco Laparelli biex iħejji l-pjan ġenerali tal-Belt. Waqqaf l-ewwel parroċċa — il-parroċċa Dumnikana fil-Belt Valletta.

### Mewt

Fl-1555 inħakem minn marda tant li fis-26 ta' April 1572 ma setax iqum. Erbat ijiem wara ħass li t-tmiem kien riesaq u għalhekk libes il-libsa bajda u sewda ta' l-Ordni Dumnikana. Talab għas-sagramenti u miet fl-1 ta' Mejju 1572. Kien midfun fil-Bażilika ta' San Pietru fil-Vatikan.

Il-qabar tiegħu kien ordnah il-Papa Sistu V u dan jinsab fil-Bażilika ta' Santa Maria Maggiore.

Il-Papa Klement X ibbeatifikah fl-1 ta' Mejju 1672, waqt li l-Papa Klement XI ikkanonizzah fit-22 ta' Mejju 1712. Il-Kongregazzjoni għad-Duttrina tal-Fidi għamiltu bħala patrun tagħha waqt li hu kunsidrat qaddis kopatrun tad-djoċesi ta' Mondovi u Alessandria. Il-Provinċja Dumnikana ta' Malta għamiltu patrun tagħha.

### Valletta

Fil-belt Valletta kien hemm triq imsemmija għalih. Din kienet Strada Pia (illum Triq Melita). Fost it-toroq tal-Belt Valletta li hemm illum insibu wkoll Triq Papa Piju V. Din tinsab fuq Bieb il-Belt.

Fl-1888 ma' Porta Reale tqiegħdu żewġ statwi. Waħda kienet tal-Gran Mastru La Valette u l-oħra kienet ta' l-ewwel Gran Mastru ta' Malta L'Isle Adam. Bejn dawn l-istatwi kien hemm l-arma tal-Papa Piju V.

Fl-24 ta' Lulju 1892 tqiegħed fuq Bieb il-Belt bust tal-bronż ta' San Piju V. Dan sar mill-iskultur Sqalli G. Valenti. Meta sar Bieb il-Belt il-ġdid, l-iskultur Ċensu Apap għamel żewġ kopji ta' dan il-bust. Waħda kienet għal fuq il-bieb ewlieni tal-Knisja tad-Dumnikani tal-Belt Valletta u l-oħra għal fuq Bieb il-Belt. Il-bust oriġinali kellu jitpoġġa fil-mużew nazzjonali.

Il-bust tpoġġa fuq il-bieb tal-knisja. Dan sar fit-23 ta' Mejju 1968 u nkixef mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Kultura u Turiżmu ta' dak iż-żmien l-Onor Dr Paolo Borg Olivier. Patri Serafin Zarb bierek il-bust. Il-bust tpoġġa fuq il-bieb fl-aħħar jum ta' Mejju ta' l-istess sena.

Il-bust l-ieħor għadu nieqes minn wiċċ Bieb il-Belt! Tgħid jixraq ma' l-istil li għandu issa dan il-Bieb? Tgħid aħjar li l-bust jagħmel parti mill-monument f'fetħa fil-belt Valletta? ♦

**REFERENZA**

Ivan D. Aquilina, San Piju V — il-Papa li ħareġ ħafna flus għall-Belt Valletta, it-*Torċa* 9-V-1996

PIN - PUBBLIKAZZJONIJIET INDIPENDENZA | IL-ĦAMES VOLUM

TREASURES IN MALTESE CHURCHES

Teżori fil-Knejjes Maltin





Volume 5
Is-Siġġiewi
Ħaż-Żebbuġ

**PIN** Triq Herbert Ganado
Pietà HMR 08
Tel: 2596 5411
2596 5412
Fax: 21 243 640
Email: pin@vol.net.mt

**Qoxra ratba**
Abbonati Lm14.15
Volum Individwali Lm18.38
**Qoxra iebsa**
Abbonati Lm16.80
Volum Individwali Lm19.95

*18 volumes featuring in full colour the Artistic Heritage in our Churches*

**18-il volum mimlija ritratti bil-kulur tal-Patrimonju Reliġjuż f'Pajjiżna**

THE UNIQUE OFFER FROM GABAGIOIELLI
Gold & Silver Market
NAXXAR ROAD, LIJA

• 5000 silver items, 925 quality, under Lm5 each!
• 18kt Gold from Lm3.99 per gram!
• Free 925 Silver Frame worth Lm5, with every Lm20 spent!

31st May - 12th June